*Messaġġ mill-Viċi-President*



Is-Sur Charles Hiher

# Il-Festa



Iż-żmien jgħaddi jiġri u hekk għaddiet sena oħra. U għal darb'oħra se nkunu qegħdin niċċelebraw il-festa sabiħa tagħna, 'Il-Vitorja', tant mistennija mill-poplu Mellieħi.

Il-Każin tagħna jkun impenjat iżjed mis-soltu. Il-preparazzjonijiet tal-Banda jibdew minn żmien qabel biex b'hekk ikollna programm kif jixraq għal din il-festa sabiħa. Il-Kumitat ikun f'għaqda u ħidma sfiqa bla qies.

Il-Banda Imperial ikollha ħafna impenji matul is-sena kollha kemm fil-Mellieħa u kemm barra l-Mellieħa. Il-Banda hija ppreparata ħafna mis-Surmast, is-Sur Tonio Borg u mill-bandisti kollha. Ilkoll jaħdmu b'għan wieħed. Fil-ġranet ta' qabel il-festa jsiru kunċerti regolari u attivitajiet oħra. F'dawn il-jiem tal-Vitorja, il-Banda tesegwixxi l-marċi tal-festa u speċjalment il-programm speċjali, li jsir fil-pjazza tal-Parroċċa.

Il-Kumitat matul is-sena jiltaqgħu kull ħmistax u jsir ħafna xogħol siwi minn kull membru tal-kumitat. Bix-xieraq nirringrazzja l-President u l-sħabi kollha tal-Kumitat għax-xogħol bla heda li jagħmlu, kif ukoll il-benefatturi tal-Każin Imperial, il-Kumitat tan-Nisa u l-Kummissjoni Banda. Fl-aħħar ma rridx ninsa nirringrazzja lis-Surmast u lil sħabi kollha membri tal-Każin.

Nagħti tislima lill-emigranti sħabna li hawn fostna u lill-morda kollha li ma jistgħux isegwu l-festa. Nixtieq insellem ukoll lill-membri tal-Każin Imperial li ħallewna din is-sena. Jalla l-Mulej jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem.

Fl-aħħar nawgurha lill-Banda "La Vittoria" u l-Kumitat tal-Każin "La Vittoria" f'jum il-festa tal-mitt sena mit-twaqqif tal-Banda.

Nawgura l-Melleħin kollha il-festa t-tajba u jalla jkollna festa sabiħa xierqa għar-raħal sabiħ tagħna, il-Mellieħa.

Saħħa.

***Inħeġġu lil kulħadd sabiex nattendu għall-funzjonijiet reliġjużi u nersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin b'mod speċjali matul il-ġranet tal-Festa.***


# George's Bakery

**22, Main Street, Mellieħa**
**Tel: 21 520685**

**Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd**